



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 89/23

il-Lussemburgu, 5 ta' Ġunju 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-204/21 | Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin)

Stat ta' dritt: ir-riforma tal-ġustizzja Pollakka ta' Diċembru 2019 tikser id-dritt tal-Unjoni

Il-valur tal-Istat tad-dritt huwa parti mill-identità stess tal-Unjoni bħala ordinament ġuridiku komuni u huwa kkonkretizzat fi prinċipji li jinkludu obbligi ġuridikament vinkolanti għall-Istati Membri.

Wara l-adozzjoni mill-Polonja, fl-20 ta' Diċembru 2019, ta' liġi li temenda r-regoli nazzjonali relatati mal-organizzazzjoni tal-qorti ordinarji, il-qorti amministrattivi u l-Qorti Suprema (iktar 'il quddiem il-“liġi emendatorja”), il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligi, u talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li s-sistema stabbilita minn din il-liġi tikser diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tqis li, sa fejn il-liġi emendatorja tagħti lill-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema Pollakka, li l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha ma humiex iggarantiti, il-kompetenza li tiddeċiedi fuq kawżi li għandhom effett dirett fuq l-istatus u l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' mħallf, din il-liġi taffettwa l-indipendenza tagħhom. Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, il-liġi emendatorja tipprojbixxi lil kwalunkwe qorti nazzjonali milli tivverifika l-osservanza tar-rekwiżiti tal-Unjoni relatati ma' qorti indipendenti u imparzjali stabbilit minn qabel mil-liġi u tagħmel tali verifika ksur dixxiplinarju. L-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema Pollakka hija ddikjarata bħala esklużivament kompetenti sabiex twettaq tali verifiki. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ssostni li, billi timponi fuq l-imħallfin l-obbligu li jikkomunikaw informazzjoni dwar l-attivitatiet tagħhom fi ħdan assoċjazzjonijiet jew fondazzjonijiet kif ukoll affiljazzjoni politika preċedenti, u billi tipprevedi l-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni, il-liġi emendatorja tikser id-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ¹.

Matul il-proċedura, il-Polonja ġiet ikkundannata tħallas lill-Kummissjoni, b'digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Ottubru 2021, pagamenti ta' penali ta' miljun euro kuljum ². Il-pronunzja ta' dawn il-pagamenti ta' penali kienet ikkunsidrat bħala neċessarja sabiex jiġi żgurat li l-Polonja timplimenta l-miżuri provviżorji adottati b'digriet tal-14 ta' Lulju 2021 ³, intiżi b'mod partikolari li jissospendu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi emendatorja kkontestati mill-Kummissjoni. B'digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' April 2023, is-somma tal-pagamenti tal-penali tnaqqset għal EUR 500 000 kuljum ⁴. L-effetti ta' dawn id-digriet jispiċċaw bis-sentenza tal-lum li tagħlaq il-kawża. Madankollu, dan ma jaffettwax l-obbligu għall-Polonja li tħallas il-pagamenti tal-penali dovuti għall-imġhod.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, **il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' r-rikors tal-Kummissjoni.**

¹ Għal iktar informazzjoni dwar il-proċedura inkwistjoni u dwar l-ilmenti tal-Kummissjoni, jistgħu jiġu kkonsultati l-istqarrijiet għall-istampa Nru [127/21](#), Nru [180/21](#) u Nru [192/21](#).

² Digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Ottubru 2021 fil-Kawża [C-204/21 R](#) (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa Nru [192/21](#)).

³ Digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Lulju 2021 fil-Kawża [C-204/21 R](#) (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa Nru [127/21](#)).

⁴ Digriet tal-Viċi President tal-Qorti tal-21 ta' April 2023 fil-Kawża [C-204/21 R-RAP](#) (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa Nru [65/23](#)).

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li **I-istħarriġ tal-osservanza minn Stat Membru mal-valuri u l-prinċipji bħall-Istat tad-dritt, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva u l-indipendenza tal-ġustizzja taqa' bis-sħiħ fil-ġurisdizzjoni tagħha**. Fil-fatt, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom fl-organizzazzjoni tal-ġustizzja, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw ruħhom mal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni. Huma marbuta wkoll **li jieħdu ħsieb li jevitaw kwalunkwe rigressjoni**, fir-rigward tal-valur tal-Istat tad-dritt, tal-leġiżlazzjoni tagħhom fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ġustizzja, billi jastjenu milli jadottaw regoli li jdgħajfu l-indipendenza tal-imħallfin. Dan il-valur fundamentali, li huwa parti mill-istess identità tal-Unjoni, jieħu l-forma ta' obbligi legalment vinkolanti li **minnhom l-Istati Membri ma jistgħux jeħilsu lilhom infushom billi jinvolkaw dispożizzjonijiet jew ġurisprudenza interni, inklużi dawk kostituzzjonali**.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja, billi tibbaża ruħha fuq il-ġurisprudenza preċedenti tagħha ⁵, ittenni l-evalwazzjoni tagħha li **l-Awla Dixiplinari** tal-Qorti Suprema ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' indipendenza u imparzjalità rikjesta. Hija tiddeuci minn dan **li s-sempliċi prospett, għall-imħallfin li jintalbu japplikaw id-dritt tal-Unjoni, li jġarrbu r-riskju li tali istanza tista' tiddeċiedi fuq kwistjonijiet relatati mal-istatus tagħhom u l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom**, b'mod partikolari billi jawtorizza proċeduri kriminali kontribom jew l-arrest tagħhom jew billi tadotta deċiżjonijiet relatati ma' aspetti essenzjali tad-dritt tax-xogħol, tas-sigurtà soċjali jew tas-sistema tal-irtirar applikabbli għalihom, **jista' jaffettwa l-indipendenza tagħhom**.

Fit-tielet lok il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, fid-dawl tan-natura relattivament wiesgħa u impreċiża tad-dispożizzjonijiet tal-liġi emendatorja denunzjata mill-Kummissjoni u l-kuntest partikolari li fih ġew adottati dawn id-dispożizzjonijiet, dawn jistgħu jingħataw interpretazzjoni li tippermetti li s-sistema dixiplinari applikabbli għall-imħallfin, u s-sanzjonijiet li din is-sistema tinkludi, jintużaw sabiex **jipprekludu lill-qrati nazzjonali milli jevalwaw jekk qorti jew imħallef jissodisfawx ir-rekwiżiti relatati ma' protezzjoni ġudizzjarja effettiva li tirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, fejn xieraq billi tagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja**. Il-miżuri hekk adottati mil-leġiżlatur Pollakk huma inkompatibbli mal-garanziji ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali stabbilit minn qabel mil-liġi. Fil-fatt, tali garanziji jimplikaw li, **f'ċerti ċirkustanzi, il-qrati nazzjonali huma obbligati jivverifikaw jekk huma stess jew l-imħallfin li jiffurmawhom jew imħallfin jew qrati oħra jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni**.

Fir-raba' lok, **il-fatt li l-liġi emendatorja tat lil istanza nazzjonali waħda u unika** (jiġifieri l-Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema) **il-kompetenza sabiex tivverifika l-osservanza tar-rekwiżiti essenzjali relatati mal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva jikser id-dritt tal-Unjoni**. L-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti **għandha, fil-fatt, tkun iggarantita b'mod ġenerali fl-oqsma materjali kollha ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u quddiem il-qrati nazzjonali kollha li jisimgħu kawżi relatati ma' dawk l-oqsma**. Issa, l-istħarriġ monopolistiku stabbilit mil-liġi emendatorja, flimkien mal-introduzzjoni tal-projbizzjonijiet u l-ksur dixiplinari msemmija iktar 'il fuq, huwa tali **li jikkontribwixxu sabiex idgħajfu iktar id-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva stabbilit fid-dritt tal-Unjoni**.

Fl-aħħar nett, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jobbligaw lill-imħallfin jissottomettu dikjarazzjoni bil-miktub li tindika s-sħubija possibbli tagħhom f'assoċjazzjoni, f'fondazzjoni mingħajr skop ta' lukru jew partit politiku, u li jipprevedu t-tqegħid ta' din l-informazzjoni online jiksru d-drittijiet fundamentali ta' dawn l-imħallfin għall-protezzjoni tad-data personali u r-rispett għall-privatezza. It-tqegħid online ta' data relatata ma' sħubija passata ta' partit politiku, f'dan il-każ, **ma huwiex adatt sabiex jilħaq l-allegat għan**, li tissaħħaħ l-imparzjalità tal-imħallfin. Fir-rigward tad-data relatata mas-sħubija tal-imħallfin f'assoċjazzjonijiet jew fondazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru, din tista' tiżvela l-konvinzjonijiet reliġjużi, politiċi jew filosofiċi tal-imħallfin. It-tqegħid tagħhom online **jista' jippermetti lil persuni li, għal raġunijiet mhux relatati mal-allegat għan ta' interess ġenerali, ifittxu li jsiru jafu s-sitwazzjoni personali tal-imħallef ikkonċernat, li jaċċessaw liberament l-imsemmija data**. Fid-dawl tal-kuntest partikolari tal-miżuri introdotti mil-liġi emendatorja, tali tqegħid online, barra

⁵ Sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixiplinari tal-imħallfin), [C-791/19](#) (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa Nru [130/21](#)).

minn hekk, **jista' jesponi lill-imħallfin għar-riskji ta' stigmatizzazzjoni indebita, billi jaffettwa b'mod mhux iġġustifikat il-perċezzjoni li għandhom tagħhom kemm il-partijiet fil-kawża, kif ukoll il-pubbliku ġenerali.**

NOTA: Il-Kummissjoni jew Stat Membru jista' jippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, dirett kontra Stat Membru ieħor li naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonforma mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli. Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma kkonformax mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid fejn titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ li ma jiġux ikkomunikati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta ta' din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi sanzjonijiet sa mill-ewwel sentenza.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-ġhoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

